**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 503/17 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-esponenti zzewwgu nhar it-23 ta' Frar 2008, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja originali tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**;

Illi miz-zwieg bejn l-esponenti, nhar is-6 ta' Mejju 2008 twieldet il-minuri EB;

Illi z-zwieg bejn l-esponenti sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom

isseparati *de facto*, sa minn Marzu 2010, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-**Artikolu 66B(a)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**;

Illi llum-il gurnata, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa minn Marzu 2010 u effettivament it-tnejn ghandhom relazzjonijiet ma' terzi persuni, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-**Artikolu 66B(c)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-esponenti lahqu ftehim bejniethom dwar kull aspett ghas-separazzjoni personali taghhom, u l-abbozz ta' kuntratt relattiv jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. B;**

Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom [**Dok. B**], il-partijiet qieghdin, *inter alia,* jiftiehmu s-segwenti: -

- Permezz tal-Klawsola 6, iz-zewg partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;

- Permezz tas-Sezzjoni Manteniment Klawsola 11-16, ir-ragel obbliga ruhu illi jhallas il-manteniment ghall-wild minuri, kif gara b'mod puntwali sa llum ;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talbu li din il- Qorti :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Frar 2008, ai termini ta' l-**Artikolu 66D(2)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta;** u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Novembru, 2017 u de facto separati minn Marzu 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.